



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2013/0117(COD)

27.9.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru [RD] rigward ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru [DP], (UE) Nru [HZ] u (UE) Nru [OKS unika] fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2014 (COM(2013)0226 – C7-0104/2013 – 2013/0117(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Giovanni La Via

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Parlament Ewropew qed jaħdem b'mod intensiv, b'mod konformi mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, biex jippermetti li r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 2014. Dan madankollu jirrikjedi li jintlaħaq qbil bejn l-istituzzjonijiet rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020, kif ukoll rigward ir-riforma tal-PAK, fil-ħarifa tal-2013 sabiex il-bażijiet ġuridiċi għall-PAK riformata jidħlu fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 2014.

Madankollu jidher improbabbli li l-aspetti kollha tal-PAK ikunu jistgħu jiġu implimentati fl-1 ta' Jannar 2014. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' regoli ta' tranżizzjoni biex jiġu stabbiliti l-modalitajiet tekniċi li jippermettu adattament bla intoppi għall-kundizzjonijiet ġodda u li fl-istess ħin jiżguraw kontinwità tad-diversi opportunitajiet ta' finanzjament fi ħdan il-qafas tal-PAK. Għall-pagamenti diretti, l-Istati Membri, l-aġenti tal-ħlas u l-bdiewa jrid ikollhom biżżejjed żmien biex jippreparaw sew u jiġu informati minn żmien bikri biżżejjed rigward id-dettalji tar-riforma. L-elementi ewlenin tar-regolamenti diretti għalhekk qed jiġu estiżi jew adattati għas-sena ta' applikazzjoni 2014 mill-iskema tranżizzjonali. B'mod soġġett għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-QFP, ir-regoli tranżizzjonali jinkludu proċedura tal-mekkaniżmu ta' konverġenza esterna u ta' flessibilità bejn iż-żewġ pilastru. L-introduzzjoni ta' miżuri tranżizzjonali timplika li xi data minn dik li tinsab fil-proposta tal-Kummissjoni għall-pagamenti diretti wara l-2013 trid tiġi aġġustata b'dan il-mod, sabiex tiġi żgurata l-koerenza ma' dan l-abbozz tar-regolament.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-Iżvilupp Rurali, ir-regoli ta' tranżizzjoni huma prattika komuni, biex jiġu stabbiliti r-regoli għat-tranżizzjoni bejn iż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni, imma anke biex jiġi stabbilit kif se jkomplu l-attivitajiet fil-perjodu ta' programmazzjoni ġdid, inkluż il-finanzjament tagħhom b'baġit ġdid. Hemm bżonn tiġi stabbilita rabta bejn iż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni suċċessivi. Peress li l-inħawi rurali qed jaffaċċjaw sfidi ġodda, hemm bżonn ta' xi arranġamenti tranżizzjonali speċjali. B'mod partikulari, biex ikun hemm reazzjoni għall-effett li se jġib miegħu dewmien tas-sistema l-ġdida ta' pagamenti diretti għal ċertu miżuri ta' appoġġ għall-inħawi rurali fir-rigward tal-valuri ta' referenza għall-miżuri agroambjentali u l-miżuri ta' reazzjoni ambjentali u l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kundizzjonalità. Hemm bżonn ukoll ta' dispożizzjonijiet tranżizzjonali biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jidħlu għal impenji ġodda fl-2014, minkejja li l-appropriazzjoni għall-perjodu attwali hi eżawrita. Dawn l-obbligi l-ġodda, kif ukoll l-obbligi attwali, jistgħu jiġu ffinanzjati mill-baġit il-ġdid għal appoġġ għall-inħawi rurali għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

Dawn ir-regoli tranżizzjonali jinkludu mekkaniżmu ta' flessibilità, li permezz tiegħu l-Istati Membri jistgħu jittrasferixxu l-fondi bejn iż-żewġ pilastru. Qed jiġi propost li dawn it-trasferimenti jittrażżnu għal 15 % għat-trasferimenti mill-ewwel għat-tieni pilastru, kif ukoll għal 10 % għat-trasferimenti mit-tieni għall-ewwel pilastru, waqt li dawn tal-aħħar għandhom ikunu permessi biss għal dawk l-Istati Membri li l-medja tal-pagamenti diretti tagħhom tkun anqas minn 90 % tal-medja tal-UE. Sabiex ma tiġix preġudikata deċiżjoni finali dwar dan il-punt speċifiku, il-partijiet li jinsabu fil-miżuri tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikoli, li jiddevjaw mill-Artikolu 14 tal-proposta tal-Kummissjoni għall-pagamenti diretti wara l-2013, huma mifrudin permezz ta' parenteżi kwadri.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet t'hawn fuq, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew iridu jadottaw qabel tmiem is-sena r-regoli tranżizzjonali speċifiċi u, jekk ikun hemm bżonn, ibiddlu l-atti ġuridiċi bażiċi attwali tal-PAK.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

B'deroga mill-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru [...] [RD], **għall-miżuri tal-Artikolu 36(a)(i) sa (v) u (b)(iv) u (v) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005**, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jwettqu impenji legali ġodda fil-konfront tal-benefiċjarji fl-2014 skont il-programmi tal-iżvilupp rurali adottati fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 anki wara li r-riżorsi finanzjarji kollha tal-perjodu ta' programmar bejn l-2007 u l-2013 jkunu ntużaw kollha, sal-adozzjoni tal-programm rispettiv għall-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' programmar bejn l-2014 u l-2020. In-nefqa mġarrba fuq il-bażi ta' dawn l-impenji għandha tkun eliġibbli skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Emenda

B'deroga mill-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru [...] [RD], l-Istati Membri jistgħu jkomplu jwettqu impenji legali ġodda fil-konfront tal-benefiċjarji fl-2014, **fir-rigward tal-miżuri msemmijin fl-Artikoli 20, 36, 52 63 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005**, skont il-programmi tal-iżvilupp rurali adottati fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 anki wara li r-riżorsi finanzjarji kollha tal-perjodu ta' programmar bejn l-2007 u l-2013 jkunu ntużaw kollha, sal-adozzjoni tal-programm rispettiv għall-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' programmar bejn l-2014 u l-2020, **jew sa tmiem l-2014, billi jiġi ffinanzjat b'fondi mill-perjodu 2014-2020**. In-nefqa mġarrba fuq il-bażi ta' dawn l-impenji għandha tkun eliġibbli skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 2

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-kundizzjoni ***tat-tieni*** inc iż tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 ma għandhiex tapplika għall-impenji legali għodda meħuda mill-Istati Membri skont l-Artikolu 36(a)(i) u (ii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 fl-2014.

Emenda

2. Il-kundizzjoni ***stipulata fit-tieni*** inc iż tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 ma għandhiex tapplika għall-impenji legali għodda meħuda mill-Istati Membri skont l-Artikolu 36(a)(i) u (ii) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 fl-2014.

Emenda 3

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

1. B'deroga mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] [RD], l-ispejjeż marbuta mal-impenji legali fil-konfront tal-benefiċjarji, imwettqa skont il-miżuri ***tal-Artikolu 36(a)(i) sa (v) u (b)(iv) u (v) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u tal-Artikolu 36(b)(i) u (iii) ta' dak ir-Regolament b'rabta mal-primjum annwali***, għandhom ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR fil-perjodu ta' programmar bejn l-2014 u l-2020 fil-każijiet li ġejjin:

Emenda

1. B'deroga mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] [RD], l-ispejjeż marbuta mal-impenji legali fil-konfront tal-benefiċjarji, imwettqa skont il-miżuri ***msemmija fl-Artikoli 20, 36, 52 u 63 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005***, għandhom ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-FAEŻR fil-perjodu ta' programmar bejn l-2014 u l-2020 fil-każijiet li ġejjin:

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) għal pagamenti li jridu jsiru wara l-31 ta' Diċembru 2015.

Emenda

(b) għal pagamenti li jridu jsiru wara l-31 ta' Diċembru 2015 ***għall-impenji kollha meħuda skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru [...] [RD]***.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt 3

Regolament (KE) Nru 73/2009

Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru [HZ] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, l-ammonti ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw fi Stat Membru fir-rigward tas-sena kalendarja 2014 skont l-Artikoli 34, 52, 53 u 68 ta' dan ir-Regolament u għall-għajnuna lil min irabbi d-dud tal-ħarir skont l-Artikolu 111 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ma għandhomx ikunu ogħla mil-limiti massimi stipulati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament għal dik is-sena. Fejn meħtieġ, u sabiex jikkonformaw mal-limiti massimi stabbiliti fl-Anness VIII, l-Istati Membri għandhom iwettqu tnaqqis lineari fl-ammonti ta' pagamenti diretti fir-rigward tas-sena kalendarja 2014.

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru [HZ] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, l-ammonti ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw fi Stat Membru fir-rigward tas-sena kalendarja 2014 skont l-Artikoli 34, 52, 53 u 68 ta' dan ir-Regolament u għall-għajnuna lil min irabbi d-dud tal-ħarir skont l-Artikolu 111 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 ma għandhomx ikunu ogħla mil-limiti massimi stipulati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament għal dik is-sena ***mnaqqsa bl-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 136 għas-sena baġitarja 2015***. Fejn meħtieġ, u sabiex jikkonformaw mal-limiti massimi stabbiliti fl-Anness VIII, ***imnaqqsa bl-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 136 għas-sena baġitarja 2015***. L-Istati Membri għandhom iwettqu tnaqqis lineari fl-ammonti ta' pagamenti diretti fir-rigward tas-sena kalendarja 2014.

PROCĊEDURA

Titolu	Dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward ir-regolamenti dwar il-pagamenti diretti, l-iżvilupp rurali u l-finanzjament, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-PAK
Referenzi	COM(2013)0226 – C7-0104/2013 – 2013/0117(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 21.5.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 21.5.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Giovanni La Via 7.5.2013
Data tal-adozzjoni	26.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Zuzana Brzobohatá, Isabelle Durant, James Elles, Eider Gardiazábal Rubial, Ingeborg Gräßle, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Claudio Morganti, Jan Mulder, Andrej Plenković, Dominique Riquet, Oleg Valjalo, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Maria Da Graça Carvalho, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Edit Herczog, Jürgen Klute, Peter Šťastný, Catherine Trautmann
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Elisabeth Jeggle, Maurice Ponga, Sabine Verheyen